# Kunsill Reġjonali Lvant

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 8

## L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 8

Il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju, 2022

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sra. Yvonne Sciberras – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Clayton Luke Mula – Vici Sindku San Ġiljan
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'
Is-Sur Noel Muscat – Sindku Swieqi
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Omar Elaref Arab – Viċi Sindku Pembroke

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 8.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

8.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit u s-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, sabiex jinfurmawna li ma setawx jattendu għal din il-laqgħa minħabba mpenji oħra.

8.1.2 Il-membri preżenti approvaw l-ittri ta' apoloġiji mressqa.

## 8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

8.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 7 li nżammet nhar il-Ġimgha 20 ta' Mejju 2022 kienu meħuda bħala moqrija.

8.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manchè u sekondati mill-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula.

## 8.3 Komunikazzjoni mill-President

- *ACES Europe*

8.3.1 Il-President informa lil-membri dwar l-ospita ta' sitt membri mill-ACES Europe, fejn nhar it-Tnejn 23 ta' Mejju 2022 sal-Ħamis 26 ta' Lulju 2022, dawn id-delegati żaru diversi faċilitajiet sportivi fosthom il-Luxol, L-iskola Nazzjonali ta' l-Isports, il-Pixxina Nazzjonali, l-Malta Olympic Committee, il-Marsa Sports Ground u l-BMX ġewwa Pembroke.

8.3.2 Il-President spjega kif nhar l-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2022, dan ir-Reġjun irċieva ittra uffiċjali mingħand il-President u l-Fundatur ta' ACES Europe, is-Sur Gian Francesco Lupattelli, fejn infurmana li dan ir-Regjun gie aċċettat għat-titlu ta' *European Region of Sports 2023*.

8.3.3 Is-Sur Chircop informa lil-membri li nhar il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju 2022, kellu ntervista fuq TVAM dwar dan is-suġġett.

8.3.4 Is-Sur Chircop informa lil-membri li nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju 2022, kellu laqgħa mas-Sur Micheal Fenech Adami dwar l-irwol tiegħu f'dan il-proġett. Il-President spjega li peress li s-Sur Fenech Adami kien President meta beda dan il-proġett, kien esprima l-interess tiegħu sabiex inkun parti mill-organizzazzjoni ta' dan il-proġett. Is-Sur Chircop kompla jispjega dwar il-ftehim li kien sar sabiex is-Sur Fenech Adami jieħu ħsieb jikkoordina l-waqfa qasira li d-delegati kellhom hawn Malta peress li għad ma kienx hemm konferma dwar jekk it-titlu kienx ser jingħata lil dan ir-Reġjun.

8.3.5 Il-President informa lill-membri kif il-Bord tal-finanzi ltaqa' b'mod immedjat wara li ġiet l-approvazzjoni bil-miktub mingħand ACES Europe sabiex jaraw ix-xogħol li għandu jsir b'konnessjoni ma dan it-titlu.

8.3.6 Is-Sur Chircop spjega kif għalkemm is-Sur Fenech Adami kien wera interess sa mill-bidu nett tal-proġett, madankollu, l-bord tal-finanzi ħa deċiżjoni sabiex jiġi maħluq kumitat organizzattiv li jikkonsisti mill-

8.3.7 President is-Sur Chircop, is-Sindku ta Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, Is-Sindku ta' Gzira, is-Sur Conrad Borg Manche', is-Sindku ta' Tax Xbiex, is-Sur Max Zammit u is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Jeanette Galea.

8.3.8 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, staqsa x'fondi hemm marbutin ma' dan it-titlu.

8.3.9 Il-president spjega li ma hemm l-ebda fondi marbuta ma' dan u l-fondi jridu jiġu permezz ta' *sponsorships.* Is-Sur Chircop spjega fid-dettal dak kollu li hu mistenni li jsir minn dan ir-Reġjun.

8.3.10 Il-President issuġġerixxa wkoll li dan il-proġett jinvolvi ħafna xogħol amministrattiv u għal din ir-raġuni l-bord issuġġerixxa li persuna oħra nnominata bħala segretarju u għal din ir-raġuni ġie rrakomandat is-Sur Charles Camenzuli.

8.3.11 Madanakollu s-Sur Chircop spjega li għad ma sar l-ebda diskussjoni dwar dan u dawn il-punti qed jiġu mqajma għal diskussjoni sabiex tittieħed deċiżjoni.

8.3.12 ***5:10pm - Is-Sindku tas-Swieqi, is-Sur Noel Muscat, wasal għal din il-laqgħa.***

8.3.13 Il-President spjega lill-membri preżenti li s-Sur Fenech Adami jixtieq ikun wieħed mill-managers. Jixtieq ikun il-Maniġer tal-Proġetti fuq bażi *part-time*. Madankollu, is-Sur Chircop esprima li l-bord iddeċieda li din mhux sitwazzjoni ideali aparti li hemm d-diffikulta dwar kif wieħed jistà jidħol għal din il-pożizzjoni.

8.3.14 Il-President żied jgħid kif il-bord tal-Finanzi ħareġ ukoll b'idea sabiex din il-pożizzjoni tkun maħruġa permezz ta' sejħa pubblika jew li jkun hemm sejħa għall-sponsorship għall-perjodu ta' sena u nofs, fejn din ta' l-aħħar għandha tkun l-aħjar għażla.

8.3.15 Il-membri preżenti qablu mar-rakomandazzjonijiet tal-bord u għal din ir-raġuni din għandha tiġi kkomunikata mas-Sur Fenech Adami.

8.3.16 Il-President talab lill-membri sabiex kull Kunsill Lokali jidentifika mill-inqas sports wieħed li jiġi pprattikat f'dik il-lokalità.

- *Laqgħa Annwali Reġjonali*

8.3.17 Il-President irringrazzja lil dawk kollha li attendew għal din il-laqgħa li nżammet nhar is-Sibt 4 ta' Ġunju 2022 ġewwa The Palace, tas-Sliema.

8.3.18 Il-President flimkien mal-membri preżenti irringrazzjaw lill-impjegati kollha tal-ħidma tagħhom sabiex din il-laqgħa kienet waħda ta' success.

- *Kisbet Minsija*

8.3.19 Is-Sur Chircop spjega ukoll kif nhar is-Sibt 21 ta' Mejju 2022 inżammet t-tnedija uffiċċjali tal-proġett 'Kisbet Minsija' ġewwa The Imperial, tas-Sliema. Hu spjega kif dawk in-nisa li pparteċipaw kif ukoll nies anzjani minn din ir-residenza apprezzaw dan il-proġett u giet milquha tajjeb ħafna.

8.3.20 Il-President informa lill-membri li din il-wirja saret ukoll ġewwa d-Day Care Centre tas-Sliema u Dar San Pieta'. Hu żied jgħid kif l-uffiċju ġie nfurmat li l-ġimgħa ta' wara din ir-rappreżentazzjoni ser tkun qed tinżamm ukoll ġewwa l-isptar ta' Zammit Clapp, San Ġiljan.

8.3.21 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, staqsa jekk din ir-rappreżentazzjoni ġietx iffilmajata.

8.3.22 Is-Sur Chircop spjega li din ma kinitx iffilmjata mir-Reġjun pero hemm filmat qasir dwara li ser ikun qed jittella fuq il-media soċjali tar-Reġjun.

8.3.23 Il-membri preżenti qajmu diskussjoni u kien hemm suġġeriment sabiex din ir-rappreżentazzjoni tkun tistà titella f'avveniment li jkun organizzat mill-Kunsill Lokali. Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed

## 8.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

8.4.1 Il-President informa lill-membri preżenti li dan ir-Reġjun ma kien irċieva l-ebda komunikazzjoni mill-membri sabiex tiġi mressqa f'din il-laqgħa.

## 8.5 Rapporti - *Audited Financial Statements*

8.5.1 B'referenza għal dan ir-rapport, il-President spjega lil-membri kif spjegazzjoni dwar dan kienet ingħata waqt il-laqgħa ġenerali annwali nhar is-Sibt 4 ta' Ġunju 2022.

8.5.2 Il-President spjega kif l-Accountant, is-Sa. Romina Perici Ferrante, ma setatx tkun preżenti biex terġa tagħti spjegazzjoni pero hu spjega kif l-aġġustament ewlieni li l-Awdituri kienu irrimarkaw kien dwar id-dħul akkumlat għall-ispejjeż tal-LESA fejn ser ikunu qed jiġu mħalsa dalwaqt. B'hekk dan huwa ta' vantaġġ għar-rendikonti finanzjarji tar-Reġjun Ċentrali fejn kien hemm titjib.

8.5.3 L-*Audited Financial Statements* kienu approvati unanimament mill-membri preżenti fuq proposta tas-Sindku ta' Swieqi, is-Sur Noel Muscat, u sekondati mis-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci.

## 8.6 Proġett Reġjonali – *'The Write Way'*

8.6.1 Il-President ressaq fuq il-mejda proposta li kienet ġiet ippreparata mill-Uffiċjal Reġjonali tal-Kultura, is-Sa Nikki Demajo Albanese, sabiex jitella proġett flimkien ma' refuġjati fuq żewġ partijiet - l-ewwel parti ser tkun proġett pilota ma nies li ġew jgħixu Malta għal perjodu ta' ġimgħatejn umbad permezz ta' dan, ikun jistà jinbeda l-proġett għal perjodu ta' sena.

8.6.2 Il-President spjega kif dawn ser jinżammu darba fil-ġimgħa għal perjodu ta' xahar. F'dawn is-sessjonijiet ser ikunu qedin jiddiskutu l-esperjenza tagħhom ġo pajjiż ġdid u dwar kif bdew ħajjithom mill-ġdid ġo pajjiżna, kif ħasswehom etc. Dan il-proġett jinvolvi kollaborazzjoni ma' tim ta' psikoterapisti li jużaw il-kitba kreattiva bħala mezz ta' terapija. It-terapisti jkunu jistgħu jidentifikaw l-aħjar mod biex dan l-eżerċizzju jsir ma' grupp ta refuġjati li ħarbu min pajjiżhom u sabu ruħhom f'Malta. Il-proġett mar-refjugati ha tkun qed sseħħ fuq perjodu ta' sena, b'żewġ sessjonijiet kull xahar.

8.6.3 Il-President kompla jispjega kif il-parteċipanti ser jużaw il-kitba li ħa jiġġeneraw permezz ta' dawn is-sessjonijiet biex joħolqu xi ħaġa kreattiva minna - jew xi xow taż-żfin, jew arti li jistgħu jessebwixxu etc.

8.6.4 Il-President kompla jispjega kif il-qofol ta' l-ispejjeż ser ikunu marbuta ma' dan iż-żewġ therapist, is-Sa Clare Padovani u s-Sa Aida Muscat Puplan. Is-Sessjonijiet fl-ewwel fazi ser jiswew €50 għal perjodu ta' siegħa u nofs lil dawn iż-żewġ terapisti (b'total ta' €200). Il-prezz għall-proġett li ser ikun qed jieħu perjodu ta' sena ser jiswa €500 kull terapista.

8.6.5 Il-President talab l-assistenza tal-Kunsilli Lokali preżenti sabiex dawn is-sessjonijiet jinżammu f'waħda mis-swali adekwati tal-Kunsilli Lokali.

8.6.6 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai u il-Viċi Sindku ta Iklin, is-Sa Yvonne Bartolo, offrew is-Sala tal-Kunsill Lokali tagħhom.

8.6.7 Il-President irringrazzja lil dawn iż-żewġ membri ta' din l-għajnuna u nfurmhom li s-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tagħmel kuntatt magħhom aktar 'il quddiem sabiex dawn is-sessjonijiet ikunu jistgħu jiġu kkordinati aħjar.

8.6.8 Il-membri preżenti approvaw dan il-proġett b'mod unanimu.

## 8.7 Vakanza għal Deputat Reġistratur u għal Clerk

- *Deputat Reġistratur*

8.7.1 Is-Sur Chircop informa lil-membri preżenti li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ma għamel l-ebda bidliet sa issa fir-reġolamenti tal-Human Resources, dan ir-Reġjun reġa ħareġ is-sejħa esterna tad-Deputat Reġistratur. L-applikazzjonijiet għandhom jaslu għand dan l-uffiċċju sa' nhar il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju 2022. Għal din ir-raġuni tajjeb li jkun stabillit bord għal-intervisti.

8.7.2 Waqt din il-laqgħa ġie deċiż li l-bord għandu jkun kompost mill-President, is-Sur Anthony Chircop, is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manché, is-Sindku tas-Swieqi, is-Sur Noel Muscat, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun.

- *Clerk*

8.7.3 Is-Sur Chircop informa lil-membri preżenti li r-Reġjun Peress li ma applika l-ebda persuna mill-ewwel sejħa tal-Jobsplus sal-Ħamis 26 ta' Mejju 2022, dan ir-Regjun talab lill-Jobspplus biex jghatina t-tieni lista. Sa nhar il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju 2022, qed niġru wara l-jobsplus sabiex jipprovdulna l-lista ta' applikanti li jmiss. Aġġornamnet dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss. Sadanittant, is-Sa Jeanette Galea avviċinat kumpanija sabiex jiġu studenti għal perjodi qosra sabiex jgħatu daqqa t'id fix-xogħol klerikali fl-uffiċċju tat-Tribunal Lokali.

- *Uffiċjali Reġjonali*

8.7.4 Il-President informa lill-membri preżenti kif nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju 2022 reġgħet inħarġet sejħa pubblika oħra u inkuraġġixxa lill-membri preżenti sabiex jieħdu ħsieb itellgħu din l-informazzjoni fuq il-mezzi soċjali tal-Kunsilli Lokali tagħkom.

## 8.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega.

- *Animal Society Seminar*

8.8.1 Il-President informa lill-membri dwar dan is-seminar li nżamm nhar l-Erbgħa 15 ta' Ġunju 2022 bejn l-10 ta' filgħodu w nofsinhar fil-Ġnien l-Indipendenza, Sliema. Il-President jixtieq jirringrazja lill-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema talli provdew l-għajnuna sabiex dan is-seminar seta jinżamm.

8.8.2 Tqajmejt diskussjoni kif dan ir-Reġjun iħoss il-ħtieġa li jkollu *animal welfare officer*.

- *Seminar fuq Fondi*

8.8.3 Il-President informa lill-membri dan is-seminar ser jiġi organizzat mill-Uffiċjal Kulturali, Nikki Demajo Albanese, u ser jinżamm nhar it-Tlieta 12 ta' Lulju 2022, bejn l-10 ta' filgħodu sa' nofsinhar fis-sala tal-Kunsill Lokali ta' Swieqi.

8.8.4 Is-Sur Chircop spjega kif dawn id-dettalji ser jintbagħtu permezz ta' emejl lill-Kunsilli Lokali u ser tkun miftuħa kemm għas-Sindki u Kunsilliera kif ukoll għal Segretarji Eżekuttivi.

8.8.5 Kien hemm diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar il-bżonn kbir li jiġi ngaġġat uffiċjal fuq il-fondi u kif jekk dan jibqà jieħu fit-tul, ir-Reġjun għandu jidħol f'kuntratt ma kumpanija sabiex jingħata din l-għajnuna kemm lir-Reġjun kif ukoll lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu.

- *Arts Council Malta*

8.8.6 Il-President informa lill-membri li nhar il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju 2022 inżammet laqgħa mill-Arts Council Malta flimkien mas-Segretarji Parlamentari għall-Gvern Lokali, l-Onor. Alison Zerafa Civelli. Sfortunatament kien hemm miskomunikazzjoni u l-Kunsilli Lokali jidher li ma ntbagħtet l-ebda komunikazzjoni sabiex jiġu nfurmati dwar din il-laqgħa.

8.8.7 Is-Sur Chircop spjega li kif dan l-uffiċċju nduna b'dan l-iżball is-Segretarju Eżekuttiv infurmat b'messaġ lil Kunsilli u kien hemm rappreżentanza minn sebgħa Kunsilli Lokali. F'din il-laqgħa kien hemm spjegazzjoni dwar l-irwol ta' l-Uffiċjal Kulturali flimkien ma' l-Arts Council Malta. Ingħata ftit tagħrif dwar l-istrateġija kulturali fuq livell Reġjonali u li ser ikun hemm tnedija f'Kull Reġjun fix-xhur li ġejjin. Inħeġġu lil Kunsilli tagħna sabiex iżommu kuntatt tajjeb ma' Nikki.

- *Cooperative Federation*

8.8.8 Il-President informa lill-membri li nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju 2022, il-bord dwar il-Malta Cooperative Federation kompost mill-President flimkien mas-Sindku ta' tas-Sliema, John Pillow, u s-Sindku ta' l-Iklin, Dorian Sciberras, u s-Segretarju Eżekuttiv, iltaqgħu fl-uffiċċju sabiex jiġu diskussa possibilitajiet ta' federazzjonijiet. Għal din il-laqgħa kienu preżenti wkoll rappreżentanti mill-Federazzjoni, is-Sur John Mallia u s-Sur Victor Fiorini.

- *Laqgħa mad-Direttur tal-Finanzi u Akkwist*

8.8.9 Il-President informa lill-membri li nhar il-Ħamis 16 ta' Ġunju 2022, dan ir-Reġjun ġie mitlub jattendi għall-laqgħa mad-Direttur, is-Sa Clare Bugeja, dwar il-pożizzjoni finanzjarja tar-Reġjun.

8.8.10 Is-Sur Chircop spjega kif għal din il-laqgħa kienu preżenti s-Segretaru Eżekuttiv, is-Sa Jeanette Galea, flimkien ma' l-Accountant tar-Reġjun, is-Sa Romina Perici Ferrante.

8.8.11 Is-Sa Galea spjegat li kienet laqgħa tajba ħafna fejn fiha stajna nressqu l-ħsibijiet tagħna dwar il-problemi finanzjarji li qed jiltaqa miegħu r-Reġjun u oħrajn li jafu jiġu kkreati meta jidħol fis-seħħ is-sejħa pubblika tal-ġbir ta' l-iskart.

- *Uffiċini tar-Reġjun*

8.8.12 Il-President informa lill-membri kif dan l-uffiċċju talab laqgħa mal-Ministru għat-Transport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, Onor. Aaron Farrugia sabiex niddiskutu dan is-suġġett kif ukoll inressqu xi punti li tqajmu waqt il-laqgħa ġenerali annwali dwar nuqqas ta' kopperazzjoni mill-entitajiet li jaqgħu taħtu.

8.8.13 Aktar dettalji dwar dan ser jingħata wara li tkun inżammet din il-laqgħa.

- *Il-kuntratt tal-kera ta' l-Uffiċċju tat-Tribunal Lokali*

8.8.14 Il-President informa lill-membri li l-kuntratt tal-kera ta' l-uffiċċju tat-tribunal Lokali ġiet fi tmiema f'Diċembru li għaddha.

8.8.15 Malli ndunajt b'dan in-nuqqas, is-Segretarju Eżekuttiv ħadet ħsieb tinforma lis-sid kif ukoll lill-avukat tar-Reġjun sabiex isir kuntratt ieħor ta' estensjoni.

8.8.16 Is-Sur Chircop spjega Fil-preżent qed nistennew kjarifikazzjoni mingħand l-avukat tar-Reġjun dwar ir-rata annwali u kif ikun hemm ftehim bejn iż-żewġ partiti, dan għandu jiġi ffirmat b'mod immedjat.

- *Data Protection Officer*

8.8.17 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet li nġabru sabiex ir-Reġjun ikollu dan is-servizz għall-perjodu ta' sena.

8.8.18 L-orħos kwotazzjonijiet kienet dik pprovduta mingħand BOOM Consultancy u l-membri preżenti approvaw din il-kwotazzjoni b'mod unanimu.

- *Servizz ta' IT Technician*

8.8.19 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet għal dan is-servizz peress li s-servizz li kien qed jingħata fil-preżenti kif ser jgħalaq fl-aħħar ta' Ġunju 2022.

8.8.20 L-orħos kwotazzjoni kienet dik provduta minn C-Planet IT Solutions Ltd u l-membri preżenti approvaw din il-kwotazzjoni b'mod unanimu.

- *Il-magna ta' l-Ilma*

8.8.21 Il-President informa lill-membri li l-magna ta' l-ilma li kien hemm fl-uffiċju amministrattiv tar-Regjun inkisret u ma tistax titranġa u kif għal din ir-raġuni nġabru tliet kwotazzjonijiet.

8.8.22 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjno mingħand Farsons fejn il-magna tingħata mingħajr ħlas pero r-Reġjun jkun markbut li jixtru 145-il flixkun.

- *Computer Tower*

8.8.23 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex jinxtara *tower* ta' kompjuter ġdid mindlok dak li kien qed jintużaw mir-Reġistratur ma setax jintuża.

8.8.24 Kien hemm qbill bejn il-membri preżenti sabiex dan jinxtara mingħand Deport 230 li kien ipprovda l-orħos kwotazzjoniji skond l-ispeċifikazzjonijiet li kien talabna l-*IT Technician* tar-Reġjun.

- *Regional Cultural Strategies*

8.8.25 Il-President informa lill-membri dwar l-ESF.04.079 - *Regional Cultural Strategies*, fejn dan ir-Reġjun irċieva emejl mid-Diviżjoni lejliet din il-laqgħa dwar l-istrateġija kulturali u dwar iż-żjara li dan ir-Reġjun kellu jgħamel f'Mejju li għaddha.

8.8.26 Is-Sur Chircop spejga kif dan ir-Reġjun kien diġa għażel delegazzjoni taħt il-kompożizzjoni tar-Reġjun preċedenti u dan kien ser ikun kompost mill-President, mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, is-Sindu ta' ta-Xbiex, is-Sur Max Zammit, is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa. Margaret Baldacchino Cefai, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv

8.8.27 Tqajmet diskussjoni dwar dan il-kompożizzjoni u kien hemm qbil sabiex flimkien ma' dawn il-persuni għandu jkun hemm preżenti wkoll l-uffiċjal Reġjonali tal-Kultura, is-Sa. Nikki Demajo Albanese, u li dan il-bord għandu jgħati preferenza lill-membri li jattendu fil-laqgħat tar-Reġjun. għal din ir-raġuni, is-Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, u s-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, espremew l-interess tagħhom.

8.8.28 ***18:44pm – il-Viċi Sindku ta' l-Iklin, is-Sa Yvonne Bartolo, skużat ruħha mill-kamra minħabba mpenji oħra.***

- *Regional Sports Day 2022*

8.8.29 Il-President għamel referenza għal dan l-avveniment sportif li kien jinżamm kull sena taħt ir-Reġjun preċedenti u kif ma kienx sar fl-aħħar sentejn minħabba l-pandemija.

8.8.30 Is-Sur Chircop spjega kif saret laqgħa dwar dan mas-Sur Marvin Spiteri sabiex jiġu stabilliti dati adekwati u, wara li s-Sur Spiteri tkellem mas-superjuri tiegħu, hu nfurmana li jkun aħjar jekk dawn jinżammu fuq perjodu ta' tliet ijiem 11, 18 u 24 ta' November 2022.

8.8.31 Is-Sur Chircop spjega kif f'Ottubru 2022 jkunu għadhom qed jiġu diskussa il-protokolli marbuta mal-pandemija u ħafna skejjel jaf jaraw id-dati f'ottubru jkunu wisq kmieni.

8.8.32 Il-membri preżenti approvaw dawn id-dati u ħadu nota.

- *eNewsletter Reġjonali*

8.8.33 Il-President informa lill-membri li s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun flimkien ma' l-uffiċjal Reġjonali ta' l-ambjent, is-Sa Andrea Borg Brincat, iddeċidew li dan ir-Reġjun għandu jkun viċin aktar tal-Kunsilliera fi ħdan ir-Reġjun permezz ta' pubblikazzjoni virtwali fuq livell Reġjonali.

8.8.34 Is-Sur Chircop kompla jgħid kif l-ewwel edizzjoni ta' din il-publikazzjoni ser tkun nhar il-Ġimgħa 1 ta' Lulju 2022 fejn fiha ser tkun qed tiġbor ix-xogħol li sar matul l-ewwel sitt xhur tas-sena u t-tieni pubblikazzjoni tinħareġ f'Jannar 2023 biex tiġbor ix-xogħol li sar matul l-aħħar sitt xhur tas-sena.

8.8.34 Is-Sur Chircop fakkar li din il-pubblikazzjoni ser tkun qed tiġi ċċirkulata onlajn biss u mhux ser tkun qed tiġi pprintjata biex innaqqsu l-użu ta' karti.

- *Kunsill Lokali tas-Sliema*

8.8.34 Il-President informa lill-membri kif dan ir-Reġjun irċieva talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex japplikaw ma' dan ir-Reġjun taħt id-*Development Planning Funds* sabiex isir *open air gym* ġewwa Qui Si Sana.

8.8.35 Is-Sur Chircop spejga kif dan il-proġett ser ikun qed jammonta għall-€175,000 u għal din ir-raġuni huwa talaba l-approvazzjoni tal-membri preżenti.

8.3.36 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu u għal din ir-raġuni dan il-Kunsill ser ikun qed jiġi nfurmata bil-miktub b'mod immedjat.

- *Kotba tar-Reġjun Lvant*

8.3.37 Il-President informa lill-membri li fl-uffiċċju amministrattiv kien għad baqa numru kbir ta' kotba li kien ġie ppublikat taħt ir-Reġjun preċedenti u talab lil dawk li huma nteressati jakkwistaw kopja ta' din il-pubblikazzjoni billi jgħamlu kuntatt ma' l-uffiċċju amministrattiv.

- *Chess Tournament*

8.3.38 Il-President informa lill-membri dwar dan l-avveniment li ser jinżamm għall-ewwel darba ġewwa l-ġnien biżwit l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi.

8.3.39 Is-Sur Chircop qal kif dan l-avveniment ser ikun qed jinżamm fil-Jum Internazzjoni taċ-ċess nhar l-Erbgħa 20 ta' Lulju 2022 u aktar detallji ser jingħataw permezz ta' emejl. Ir-Reġjun ser ikun qed jieħu ħsieb jgħamel bibita żgħira lil dawk preżenti, kif ukoll li jingħataw trofew għall-aħjar pożizzjonijiet.

## 8.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

8.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

8.9.2 Il-Vici Sindku ta' San Gilijan, is-Sur. Clayton Luke Mula, sekondata mis-Sindku tal Gzira , is-Sur Conrad Borg Manche', ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 6A u 6B.

8.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 8.10 Mozzjonijiet

8.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 8.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

8.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-7:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 19 ta' Lulju 2022.

Konfermati, illum it-Tlieta 19 ta' Lulju, 2022.

| | |
|---|---|
| Anthony Chircop | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |